**14 ta' Ġunju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Brian Valenzia *noe*

*versus*

Monica Calleja

## Inċident Awtomobilistiku - Invażjoni tal-Karreġġjata - Surroga

*Il-konvenuta invadiet il-karreġġjata ta' l-attur iżda l-attur seta' għamel diversi manuvri biex jevita s-severita' ta' l-inċident li ġie kkaġunat. Kieku naqqas l-ispid u għafas il-brejks, l-inċident jew ma kienx isir jew kien ikollu riperkussjonijiet fejn il-ħsara kienet tkun ferm anqas.*

*Il-kumpannija assikuratriċi kellha "interess" li tħallas u għalhekk l-attur kellu d-dritt jipproċedi kontra l-konvenuta għad-danni li ġew ikkaġunati*

*lil din it-terza persuna.*

Il-Qorti:-

Rat il-fatti anteċedenti għal dan il-każ;

Din hija kawża dwar inċident awtomobilistiku li ġara fl-4 ta' Lulju, 1991 bejn il-vettura C-4758 misjuqa minn Adrian Strickland, u vettura ta' terza persuna. Dan l-inċident ġara f'Tal-Bararni Road, Żejtun;

Strickland tħallas mill-attur *nomine* li għalhekk ġie ssurrogat fid-drittijiet ta' l-istess. L-attur isostni li l-vettura ta' Strickland sofriet danni konsiderevoli li għalihom hija responsabbli l-konvenuta peress illi hija kienet il-kawża ta' l-inċident minkejja li ma kinitx involuta fih;

Il-konvenuta, infatti ssostni li hi ma kienet involuta fl-ebda inċident f'Tal-Barrani Road, Żejtun, fid-data in kwistjoni. Hija tammetti li ġara inċident dakinhar waqt li hija kienet għaddejja pero` hija ma kinitx involuta fih, u waqfet biss għax hija *nurse* biex tara kienx hemm xi ħadd li kien ferut. Lanqas ma kienet preżenti meta ġew il-pulizija;

Effettivament jirriżulta skond l-i*sketch*, l-okkorrenza u r-rapport tal-pulizija, li l-inċident in kwistjoni ġara bejn il-karozza ta' Strickland C-4758 u Mini R-3247 misjuqa minn Monica Consiglio tal-Fgura. L-impatt bejn iż-żewġ vejikoli huwa indikat fil-karreġġjata tat-triq minn fejn kienet qiegħda ssuq l-istess Consiglio u jidher li Strickland qasam it-triq minn fetħa fis-*Central Strip* biex spiċċa fil-karreġġjata kontra d-direzzjoni tiegħu fejn

kienet qed issuq Consiglio. Hekk xehed l-attur fis-seduta tas-27 ta' Mejju:

*Omissis*;

Il-kawża ġiet deċiża fis-17 ta' Mejju, 1993 u l-parti deċiżiva tagħha hekk tgħid:

"Illi din il-kawża tittratta dwar inċident awtomobilistiku li ġara fl-4 ta' Lulju, 1991 ġewwa tal-Barrani Road, bejn l-assigurat ta' l-attur u terza persuna, li mhux fil-kawża. Il-konvenuta ma kinitx involuta fl-inċident u l-vettura tagħha ma ġratilha ebda ħsara. B'dana kollu l-attur qed jikkontendi li l-inċident bejn il-vettura numru C-4758, assikurata miegħu u misjuqa minn Adrian Strickland, u l-vettura numru R-3247 misjuqa minn Monica Consiglio ġrat riżultat tan-negliġenza ta' l-istess konvenuta u li konsegwentement id-danni riżultanti minn dik il-kolliżjoni għandha tagħmel tajjeb għalihom l-istess konvenuta;

Illi mill-provi prodotti jidher li Adrian Strickland (l-assigurat ta' l-atturi kien qed isuq il-vettura tiegħu ġo tal-Barrani Road minn Santa Luica fid-direzzjoni taż-Żejtun;

Kien miexi ċirka b'sittin kilometru fis-siegħa u jżomm fuq il-*lane* ta' mas-*centre strip*. Aktar 'il quddiem minnu, u sejra fl-istess direzzjoni, pero' bi *speed* anqas minn tiegħu, kien hemm il-vettura Fiat numru N-0007 misjuqa mill-konvenuta fuq in-naħa tax-xellug tat-triq - ċjoe' man-naħa tal-bankina;

Il-konvenuta riedet tikser lejn il-lemin biex tgħaddi mill-fetħa fis-*centre strip* ħalli tipproċedi lejn Ħal Għaxaq. Għalhekk, qalet il-

konvenuta, (u f'dan hija korroborata minn żewġha li kien fil-vettura) minn distanza ta' xi tmenin metru (anzi żewġha jgħid mitt metru) lura mill-istess fetħa fis-*centre strip*, hi xegħlet l-*indicator* tal-lemin u bdiet ħierġa bil-mod il-mod fid-direzzjoni tal-*lane* ta' barra wara li aċċertat ruħha li ma kienx hemm traffiku ġej minn warajha. Meta l-karozza tal-konvenuta kient ħarġet fin-nofs tal-karreġġjata, ċjoe' bejn iż-żewġ *lanes*, il-konvenuta lemħet mill-mera l-karozza misjuqa minn Strickland qed tavviċina minn warajha b'ċerta *speed*, u peress li dak il-ħin ħasset li ma kinitx tilħaq tidħol fil-*lane* ta' barra reġgħet ġibdet lejn ix-xellug biex tħallih jgħaddi. Meta ddeċidiet hekk il-konvenuta kienet għadha sittin pied bogħod mill-fetħa fis-*centre strip*. Immedjatament wara ġrat il-ħabta;

Strickland, ostakolat bil-vettura tal-konvenuta, daqqilha l-*horn* u pprova jevitaha billi ġibed lejn il-lemin biex jieqaf fil-fetħa tas-*centre strip* iżda baqa' ħiereġ fuq in-naħa l-oħra tat-triq, ċjoe' fil-karreġġjata opposta, u ħabat ma' Monica Consiglio, li dak il-ħin kienet sejra fid-direzzjoni ta' Santa Lucia;

Illi mix-xhieda tal-kontendenti jidher li hemm qbil dwar il-fatti qabel ma saret il-ħabta u kif riportati hawn fuq. Hemm nuqqas ta' qbil pero` dwar l-użu ta' l-*indicator* da parti tal-konvenuta. Strickland xehed li ma ra ebda sinjal fil-vettura tal-konvenuta. Il-Qorti pero` hija propensa temmen il-versjoni tal-konvenuta, partikolarment billi din hija kkorroborata mix-xhieda ta' żewġha;

Illi Tal-Barrani Road, ċertament hija waħda mit-toroq ewlenin ta' pajjiżna. It-traffiku mistenni li jimxi bi *speed* massimu ta' 40 m.f.s. u li juża *lane discipline* u attenzjoni kostanti għal dak li qed jiġri madwaru;

Il-parti ta' Tal-Bararni fejn ġrat il-ħabta hija dritta fit-tul u għalhekk tippermetti viżwali tajba;

Ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna kif ukoll mill-Qrati esteri u awturi esperti in materja, li l-użu ta' l-*indicator* ma jagħtix dritt lil dak is-sewwieq li jużah, li jagħmel kif jidhirlu mingħajr ma jieħu in konsiderazzjoni traffiku ieħor li jkun juża l-istess parti tat-triq. Irid jassigura li s-sewwieqa l-oħra jifhmu l-intenzjoni tiegħu u li meta tiġi esegwita l-manuvra, din għandha tiġi esegwita bl-aktar ħeffa possibbli u li bl-ebda mod ma tostakola l-passaġġ liberu ta' vetturi oħra;

Illi mill-provi prodotti jidher li l-konvenuta xegħlet l-*indicator* minn distanza konsiderevoli (bejn 240 u 300 pied) qabel ma resqet lejn il-fetħa fit-triq fejn riedet iddur. Wara li għamlet dan, il-konvenuta bdiet tiġbed 'il barra ħelu, ħelu, qisu t-triq kienet tagħha. Meta waslet 60 pied bogħod mill-fetħa fis-*centre strip*, u kienet għadha bejn iż-żewġ *lanes*, indunat li kienet ġejja vettura minn warajha u ħasset li kien ikun aħjar li twarrab;

Mix-xhieda tal-konvenuta jidher ċar li hija ħarset fil-mera biex tara jekk kienx ġej traffiku minn warajha meta ddeċidiet li tibda tiġbed lejn il-lemin. Wara dan u għal distanza konsiderevoli - ċirka mitejn pied - (ċjoe` 260 pied ċirka meta bdiet tiġbed lejn il-lemin u 60 pied meta indunat bil-karozza ta' Strickland) hija ma ħarsitx aktar lura. Altrimenti kienet tinduna bil-karozza l-oħra qabel minħabba l-viżwali twila li hemm. Il-probabbilita` hi li l-konvenuta reggħet ħarset fil-mera meta semgħet il-*horn* ta' Strickland li dak il-ħin kien qed jiġi ssikkat mas-*centre strip*;

Minn dan jidher li l-konvenuta kienet negliġenti fis-sewqan

billi ma żammitx il-*proper lookout* meħtieg waqt li qed tagħmel manuvra perikoluża u li biha setgħet, kif fil-fatt għamlet, ostakolat il-passaġġ liberu ta' traffiku ieħor. B'dan il-mod il-konvenuta ġegħlet lill-assigurat ta' l-attur jiġbed lejn il-lemin biex jevitaha u sar l-impatt;

Illi l-Qorti pero' tħoss li l-assigurat ta' l-attur ukoll għandu jirrispondi għal dak li ġara. Infatti rriżulta li l-manuvra tal-konvenuta, ċjoe' li taqsam mix-xellug lejn il-lemin, saret bil-mod ħafna. Fl-istess ħin, waqt li l-konvenuta kienet qed tiġbed lejn il-lemin, kien qed joqrob Strickland u dana seta' jara, anke qabel ma wasal viċin il-fetħa fis-*centre strip*, li l-vettura ta' quddiemu kienet sejra jew qiegħda tostakolalu l-passaġġ. Jekk rax is-sinjal jew le mhux relevanti, iżda żgur li Strickland seta' faċilment jara dak li kien qed jiġri quddiemu u b'manuvra tempestiva seta' evita l-inċident billi naqqas l-i*speed* sakemm il-konvenuta tiddeċidi x'ser tagħmel. Il-fatt li Strickland kien miexi fil-*lane* tiegħu u l-konvenuta kienet qed tinvadilu l-*lane*, ma jfissirx li kellu d-dritt li jagħlaq għajnejh u jibqa għaddej;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti hi tal-fehma li l-inċident ġara tort taż-żewġ sewwieqa fi proporzjonijiet ugwali bejniethom billi l-konvenuta naqset li żżomm *a proper look out* meta qed tbiddel il-*lane* u l-assikurat ta' l-attur billi naqas li jieħu azzjoni evażiva biex jevita li jpoġġi lilu nnifsu f'perikolu;

Dwar id-danni l-attur xehed li, bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, il-kumpannija attriċi ħallset is-somma ta' Lm1086.25 in konnessjoni mal-ħsara fil-karozza numru C-4758 assikurata magħha. Inoltre ħallset is-somma ta' tmien mitt lira għall-ħsara fil-karozza numru R-3247 ta' Monica Consiglio. L-attur xehed li huwa

ħallas id-danni ta' Consiglio peress li l-assigurat tagħhom daħal f'dik il-karozza;

Issa għandu jiġi rrilevat li l-attur qiegħed jaġixxi bħala surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat tiegħu sija bil-polza sija bil-liġi. Il-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mill-attur, fuq il-karozza C-4758 ta' Adrian Strickland, toħloq obbligu lill-kumpannija attriċi li tagħmel tajjeb id-danni kollha sofferti mill-assikurat tagħha bħala konsegwenza ta' inċident. Dan l-obbligu jeżisti rrispettivament mill-kwistjoni ta' responsabbilita` għall-inċident. Iżda l-istess polza ma timponi ebda obbligu simili fil-konfront tad-danni ta' terzi speċjalment meta r-responsabbilita` għall-inċident da parti ta' l-assigurat, qed tiġi kkontestata;

Illi ma jidhirx li l-attur *nomine* ġie ssurrogat fid-drittijiet ta' sid il-karozza numru R-3247. Id-Dok. A a fol 18 tal-proċess hu sempliċi riċevuta u mhux surroga. Inoltre, lanqas jirriżulta li l-attur *nomine* kien obbligat iħallas dan l-ammont ta' danni lil Consiglio u li kellu interess li jħallsu. Għalhekk ma teżisti l-ebda surroga favur l-attur għar-rigward tad-danni fil-karozza ta' Consiglio, la in forza tal-polza u lanqas in forza tal-liġi (vide artikolu 1165 u 1166 Kap. 16). Isegwi li kull ammont imħallas lil Consiglio ma jistax jifforma meritu ta' din il-kawża;

Illi mid-dokumenti eżebiti a fol. 18 sa 28 tal-proċess jidher li l-attur *nomine* ħallas in konnessjoni mal-karozza C-4758, assikurata miegħu, is-somma ta' Lm1074.50 lil Starlight Garage għal *labour, spray* u *spare parts* u *towing* tal-vettura (Dok C, D, E u L) u ħallas ukoll Lm18.75 lil Gasan Enterprises Ltd., għal *re-alignment*. Ħallset ukoll is-somma ta' Lm10 għal *surveys* li saru mill-Kaptan Stephen Micallef fuq iż-żewġ vetturi involuti (Dok. P u Q). B'kollox is-

somma komplessiva ta' Lm1103.25. L-ammonti l-oħra indikati fid Dok. A u B) jirriferu għall-ħsara fil-karozza ta' Consiglio u għalhekk mhux qegħdin jiġu kkunsidrati;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija il-Qorti tipprovdi dwar l-istanza billi:

a) tiddikjara li l-inċident awtomobilistiku ta' l-4 ta' Lulju, 1991, ġara tort tal-konvenuta u ta' l-assikurat ta' l-attur fi proporzjonijiet ugwali;

b) tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* u li huma risarċibbli lill-attur *nomine* in forza tas-surroga fis-somma ta' elf, mija u tliet liri maltin, ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm1103.25); u

ċ) konsegwentement, tikkundana lill-konvenuta tħallas u tirrifondi lill-attur *nomine*, bl-imgħax legali mil-lum, is-somma ta' ħames mija wieħed u ħamsin lira maltija, tnejn u sittin ċenteżmu u ħames millleżmi (Lm551.62,5) rappreżentanti nofs id-danni riżarċibbli lill-attur *nomine*;

L-ispejjeż għandhom jiġu ssopportati nofs kull parti";

Minn din is-sentenza, ebda waħda mill-partijiet ma kienet sodisfatta b'xi ħtija għall-inċident, u sar sew appell u appell inċidentali mill-istess sentenza. L-appell inċidentali sar ukoll għal dik il-parti tas-setenza li ċaħdet it-talbiet attriċi rigward il-ħsara tat-terza persuna stante li ma kienx hemm surroga skond il-polza ta' l-assikurazzjoni;

Għalhekk din il-Qorti trid tikkonsidra l-ewwel l-inċident u

min kien prinċipalment responsabbli għalih, u t-tieni, jekk fil-fatt l-attur huwiex issurrogat biex jitlob il-ħsarat li jirriżulta li huwa ħallas lit-terza parti;

Dwar l-inċident huwa vera li l-konvenuta mxiet minn karreġġjata tat-triq għal oħra, u dan proprju biex tikser fuq il-lemin fil-fetħa li hemm fis-*centre strip* bejn l-erba' karreġġjati li jeżistu f'din it-triq. Din il-manuvra fiha nnifisha hija manuvra perikoluża għax tinvolvi li persuna tittraversa l-karreġġjata ta' ħdejha li hija l-karreġġjata rriservata għall-karozzi għaddejjin b'aktar veloċita`. Fil-fehma ta' din il-Qorti, apparti minn dawn il-konsiderazzjonijiet, jirriżulta li fi triq wiesgħa u dritta bħal dik, il-konvenuta missha qagħdet iktar attenta meta qed tagħmel din il-manuvra u għalhekk setgħet użat iktar prudenza. Minkejja dan, is-sewwieq Strickland seta' għamel diversi manuvri oħra biex jevita s-severita` ta' l-inċident li ġie kkaġunat. Kieku naqqas l-i*speed* tiegħu u għafas il-*brakes*, l-inċident jew ma kienx isir, jew kien ikollu riperkussjonijiet fejn il-ħsara kienet tkun ferm inqas, u dana speċjalment, jekk huwa veru dak li xehed fuq l-i*speed* li huwa kien għaddej bih. B'dak l-i*speed* li ma kienx wieħed tant eċċessiv mhux suppost li kien daqshekk diffiċli biex Strickland jikkontrolla l-vettura tiegħu. Il-Qorti pero`, hija tal-fehma li partikolarment meta wieħed jeżamina l-ħsarat li ġew ikkaġunati fuq iż-żewġ karozzi, li waħda minnhom ġiet iddikjarata *total loss*, li l-i*speed* tas-sewwieq Strickland kien ferm iktar minn dak li huwa ddikjara. Jirriżulta wkoll, u dan mix-xhieda indipendenti tal-pulizija, li *brake marks* ma kienx hemm, u għalhekk wieħed jasal għall-konklużjoni li Strickland, li kien għaddej b'ċertu *speed*, ħaseb li kien se jevita l-inċident sempliċement billi jdoqq il-*horn* u jibqa' għaddej bl-isperanza li l-karozza ta' quddiemu terġa' tidħol fil-karreġġjata tagħha. Meta dan ma sarx jew huwa ħaseb li ma kienx se jsir, kellu biss l-alternattiva li jagħmel il-manuvra li

għamel, li jirriżulta li kienet l-iktar waħda perikoluża, stante t-traffiku kontinwu ġej mid-direzzjoni opposta. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, għandu jiġi lilu attribwit erba' kwinti mir-responsabbilta' ta' dan l-inċident u kwint biss lill-konvenuta;

It-tieni punt huwa jekk l-attur huwiex issurrogat anke għar-rigward tal-ħsara li ġiet ikkaġunata lit-terza persuna. Jirriżulta bħala fatt, li t-terza persuna tħallset is-somma ta' tmien mitt lira maltija (Lm800) u dan fuq bażi ta' *survey report*, li kien sar mill-Kaptan Stephen Micallef, esebit a fol. 28 tal-proċess fejn hekk jgħid:

"*This car is beyond economical repairs.*

*The pre-accident market value was approximately Lm900.*

*Wreck value around Lm100*";

L-ewwel Qorti ddeċidiet li din is-surroga ma setgħetx tkun meritu ta' din il-kawża peress illi ma toħroġx mill-polza ta' l-assikurazzjoni, minkejja illi kkonsidrat ukoll il-possibilita' li s-surroga tista' temerġi mil-liġi;

Hekk jipprovdi l-artikolu 1164 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 meta jitkellem fuq il-ħlas b'surroga:

"Min iħallas id-dejn ta' wieħed ieħor ma jidħolx fil-jeddijiet tal-kreditur ħlief bis-saħħa tal-Konvenzjoni jew disposizzjoni tal-Liġi";

U fuq is-surroga li ssir *ipso jure*, hekk jipprovdi l-artikolu 1166 subinċiż (ċ):

"Ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu";

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jeżisti ebda dubbju li s-sewwieq Strickland kien responsabbli għall-ħsarat *vis-a-vis* t-terza persuna li hu ħabat magħha. Skond il-polza ta' l-assikurazzjoni m'hemmx dubbju li responsabbli miegħu għall-ħlas ta' dan id-dejn, kien hemm ukoll il-kumpannija assikuratriċi tiegħu li kellha "interess" tħallas, u għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-attur kellu d-dritt ukoll jipproċedi kontra l-konvenuta għad-danni li ġew ikkaġunati lil din it-terza persuna;

Għaldaqstant din il-Qorti qed tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi tilqa' l-appell inċidentali għal dak li jirrigwarda s-surroga fil-konfront tal-ħsarat li ġew ikkaġunati lit-terza persuna Consiglio. Tiddikjara illi s-sewwieq assigurat ma' l-attur kien responsabbli għal erba' kwinti mill-ħsarat kollha kkaġunati fil-vettura tiegħu nnifsu u ta' l-istess terza persuna waqt li l-konvenuta kienet responsabbli għal kwint ta' dawn il-ħsarat. Il-konvenuta hija għalhekk tenuta tħallas lill-attur kwint mid-danni totali ammontanti għal elf, tmien mija ħamsa u tmenin lira (Lm1,885) u ċjoe` tliet mija u sebgħa u sebgħin liri Maltija;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jinqasmu skond ir-responsabbilita` għall-inċident - erba' kwinti mill-attur u kwint mill-istess konvenuta.